MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 496/2013

**Piraeus Bank A.E., registrat il-Grecja, rappresentat lokalment**
**mill-mandatraju specjali tieghu Dottor Louis Cassar Pullicino**
**kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Il-bastiment M.V. ”TRIANTAFILLOS M”,**
**IMO Numru 9428152, registrat Malta,**
**b’call sign 9HWAH u tunnellag gross 5222,**
**registrat hawn Malta fil-proprjeta ta’**
**INDRA NAVIGATION INC, socjeta registrata**
**fil-Marshall Islands**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tal-24 ta’ Mejju 2013 li jghid hekk:

Illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont ta' disgha u tletin miljun, mija u elf, sitt mija u tlieta u hamsin dollaru Amerikan (US$39,101,653.00) equivalent ghal tletin miljun, erbgha u ghoxrin elf u tlett mija u sitta u ghoxrin euro (€30,024,326.00).

Illi dan il-kreditu huwa kawtelat:-

i. B’ipoteka navali, ossia mortgage (Mortgage "D”) fuq il-bastiment intimat favur il-Bank rikorrenti datat 6 ta' Frar 2008, kif sussegwentement emendat fil-5 ta' Mejju 2010 (Amendment to Mortgage "D”) u li hija ufficjalment registrat fir-registru tal-bastiment intimat hawn Malta, maghmula in segwitu u in konnessjoni ma' kuntratt ta' self bejn il-Bank rikorrenti u s-socjetajiet Indra Navigation Inc., Spectator Shipping S.A., Montagna Shipping Ltd. U Grendel Navigation Inc., tal-1 ta' Frar 2008, kif sussegwentment emendat permezz ta' hames Supplemental Agreements, kif ukoll ma' Deed of Covenants tas-6 ta' Frar 2008 kif sussegwentment emendat;

ii. Ipoteka navali ossija mortgage ("Mortgage "E") fuq il-bastiment intimat favur il-Bank rikorrenti datat l-11 ta' Marzu 2011 u li hija ufficcjalment registrata fir-registru tal-bastiment intimat ta' Malta, maghmula in segwitu u in konnessjoni ma' kuntratt ta' Overdraft bejn il-Bank rikorrenti, is-socjeta Ikarian Moon Shipping Company Limited ta' Monrovia, Liberia, bhala l-borrower u s-socjetajiet Indra Navigation Inc., Spectator Shipping S.A., Montagna Shipping Ltd u Grendel Navigation Inc., bhala garanti in solidum, tal-11 ta' Marzu 2011 u d-Deed of Covenants tal-11 ta' Marzu 2011.

Illi s-socjeta debitrici , Indra Navigation Inc. naqset li thallas il-pagamenti kollha dovuti kif obbligata taghmel u ma osservatx il-kondizzjonijiet u l-pattijiet kollha assunti taht il-fuq imsemmija kuntratti u ghalhekk kien jezisti "default" taht l-istess kuntratt ta' self u Deed of Covenants;

Illi b'ittra ossia Notice of Acceleration and Demand tal-25 ta' Frar 2013, is-sidien tal-bastiment intimat gew notifikati li kien hemm "Default" taht il-fuq imsemmija kuntratti billi kienu inadempjenti u l-istess sidien nghataw tlitt ijiem ta' xoghol minn notifika li saret tramite l-Qrati ta' Piraeus, sabiex ihallsu l-ammont dovut lill-Bank rikorrenti;

Illi billi dan l-ammont baqa' dovut il-Bank esponent ipproceda billi kkawtela l-kreditu tieghu bil-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 354/2013 kontra l-bastiment intimat u li kopja tieghu qed jigi hawn anness. Il-mandat kawtelatorju kien gie sussegwentement rez wiehed ezekuttiv permezz ta' nota li giet prezentata fit-2 ta' April 2013 u notifikata fit-12 ta' April 2013 ai termini tal-artikolu 838B tal-Kap. 12 u li bhala konsegwenza il-bastiment intimat jinsab maqbud taht il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti;

Illi b'ittra ufficcjali li giet prezentata fil-14 ta' Marzu 2013, notifikata fis-26 ta' Marzu 2013, il-Bank esporient interpella lill-bastiment intimat sabiex ihallas l-ammont dovut hawn fuq imsemmi ta' disgha u tletin miljun, mija u elf, sitt mija u tlieta u hamsin dollaru Amerikan (US$39,101,653.00) equivalent ghal tletin miljun, erbgha u ghoxrin elf u tlett mija u sitta u ghoxrin euro (€30,024,326.00) izda sa llum ma sar l-ebda pagament;

Illi skond il-ligi u permezz tal-ittra ufficcjali hawn fuq indikata, l-ipoteki navali ossja il-mortgages li gew iskritti fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela tal-kreditu tal-Bank esponent gew rezi titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234;

Illi fic-cirkostanzi l-Bank esponent ghandu interess li jenforza t-titolu ezekuttiv li ottjena billi jipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat, liema bejgh jkun approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 (Taqsima 1, Titolu VII sub titolu V - "Fuq il-Bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru");

Illi skont l-artikolu 358 tal-Kap. 12, dina l-Qorti ghandha s-setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, tapprova l-bejgh privat ta' bastiment favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz deteminat;

Illi a tenur tal-artikoli 359, il-Bank esponent qed jannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi kif rikjest mill-ligi, wahda maghmula mill-Inginier Paul Cardona li jaghti stima ta' bejn US$3,400,000.00 sa US$3,700,000.00 (kopja anessa) u l-ohra maghmula mid-ditta ta' Allied Shipbroking Inc. jaghtu stima tal-bastiment intimat fis-somma ta' US$3,500,000.00 (kopja annessa).

Illi l-Bank esponent ghandu offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastiment intimat minghand is-socjeta Alegre Shipping Limited versu l-prezz ta' €3,200,000.00 li skond ir-rata tal-kambju vigenti tekwivali ghal US$4,156,994.00, kif jirrizulta minn Memorandum of Agreement datat 17 ta' Mejju 2013 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa;

Illi l-offerta in kwistjoni taqa' sew u vicin il-parametri tal-istimi prodotti;

Illi ai termini tal-artikolu 360 tal-Kap. 12, dan ir-rikors qed jigi notifikat ukoll lid-debitur u lir-Registartur tal-Bastimenti oltre l-krudituri li avvanzaw proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat u li jistghu jkollhom interess f'dawn il-proceduri;

Ghalhekk il-Bank esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat "TRIANTAFILLOS M" a favur tas-socjeta estera Alegre Shipping Limited u dan versu l-prezz ta' €3,200,000.00 u taht il-pattjiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tas-17 ta' Mejju 2013 u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjoni ohra li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 358 tal-Kap. 12;

ii. Tahtar a tenur tal-art. 362 tal-Kap. 12 lill-Avukat Dr. Kris Borg jew fin-nuqqas tahtar persuna ohra li jkun awtorizzat

jitrasferixxi l-bastiment intimat skond l-imsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 17 ta' Mejju 2013 u/jew taht kull patt u kondizzjoni opportuna li jidhrilha xieraq dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12;

iii. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-bastiment intimat li tghid hekk:

Li permezz taghha ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi qed jaghti ruhu notifikat bir-rikors tal-bank rikkorrent ghall-bejgh tal-istess bastiment;

Rat illi Dr. Louis Cassar Pullicino ghal bank rikorrenti ddikjara li ma ghandux x’izzid ma’ dak pprezentat fl-atti;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta’ prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrent esebixxa ipoteka navali datata 6 ta’ Frar 2008 kif sussegwentement emendatat fil-5 ta’ Mejju 2010 mahrug in segwitu ghal self, u ipoteka navali datata 11 ta’ Marzu 2011 in segwitu ghal kuntratt ta’ overdraft kif jidher mid-dokumenti esebiti.

Id-debitur naqas li jhallas il-pagamenti dovuti fuq il-loan agreements u overdraft u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmija ftehim u fil-25 ta’ Frar 2013 sid il-bastiment gie notifikat bid-default  u nghataw tlett ijiem ta’ xoghol minn notifika biex ihallsu.

B'ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2013 notifikata lil bastiment fis-26 ta' Marzu 2013 il-bank interpella lill-bastiment biex jithallas l-ammont dovut cioe ta' dollaru Amerikan US$39,101,653.00 equivalent ghal €30,024,326.00 izda baqa' inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi l-bank rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-vapur TRIANTAFILLOS M proprjeta tad-debituri b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-vapur cioe wahda tal-Inginier Paul Cardona u l-ohra tad-ditta ta' Allied Shipbroking Inc. u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi bejn US$3,400,000.00 sa US$3,700,000.00 u l-ohra hi ta' US$3,500,000.00.

Il-bank rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta Alegre Shipping Limited bil-valur ta' €3,200,000.00 ossia US$4,156,994.00. Din l-offerta taqa' fil-parametri tal-istimi indipendenti u l-Qorti tqis li l-offerta hi favorevoli ghall kull parti involuta.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal- Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment TRIANTAFILLOS M lis-socjeta estera Alegre Shipping

Limited bil-prezz ta' €3,200,000.00 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 17 ta’ Mejju 2013, li hu esebit l-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. Kris Borg sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tas-17 ta’ Mejju 2013 bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------